# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Frar, 2001 .**

**Avviz numru : 32/98G2(PC)**

Marvic Sultana

VS

John Spiteri, U
Joseph Muscat .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsuh dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-hmistax (15) ta' Dicembru 1996, fi Triq Marsalforn, limiti ta' Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ittra C 6961 misjuqa mill-konvenut John Spiteri, il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni W 6136 misjuqa mill-konvenut Joseph Muscat u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ittra F 9924 misjuqa mill-attur u ta' liema incident l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Dicembru, 1997, u dik ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenuti . Bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti debitament imharrka ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat li eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma infondati fid-dritt u fil-fatt .

2. Illi huwa ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni .

3. Illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija, ta' l-attur innifsu jew inkella tal-konvenut l-iehor John Spiteri, jew alternattivament ta' terzi ohra involuti fl-istess incident minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom jew min minnhom .

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe interessi ghandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali kif titlob il-ligi, u mhux mid-data ta' l-incident kif mitlub fl-avviz .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat ukoll il-verbal tad-29 ta' Mejju 1998 minn fejn jirrizulta illi l-konvenut l-iehor John Spiteri oppona t-talba wkoll .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti .

Rat id-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta talba mill-attur ghall-hlas tad-danni ikkagunati fil-karozza tieghu per konsegwenza ta' 'multiple collision' li sehhet fit-triq li tiehu ghal Marsalforn .

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din it-talba kienu s-segwenti :

l-attur kien qieghed jipprocedi fi triqtu lejn Marsalforn . F'hin minnhom il-karozza ta' quddiemu qabdet u lwiet lejn ix-xellug tat-triq biex tidhol fil-'horse-riding school' li tinsab f'dahla fuq dik in-naha tat-triq . L-attur ghalhekk waqaf f'daqqa sabiex jippermetti lil dik il-karozza taghmel il-manuvra ntenzjonata . Kif ghamel hekk, jircievi daqqa minn naha ta' wara mill-karozza tal-konvent Spiteri, li wkoll kien ghaddej fl-istess direzzjoni fit-triq .

Mill-okkorrenza redatta mis-surgent John Grima, jirrizulta skond ma qalulu l-partijiet kollha involuti f'din il-kollizjoni 'a tempo vergine', li :

"Sultana stqarr li kien isuq vettura F 9924 wara vettura R-7508 misjuqa minn certu George Farrugia li dan f'daqqa waqaf peress li ta' quddiemu lewa f'salt lejn ix-xellug tieghu. Sultana kompla li ghalhekk huwa kellu jieqaf, meta f'daqqa wahda hass habta minn wara .

Spiteri stqarr li x'hin ra lil F 9924 quddiemu tieqaf, huwa waqqaf il-vettura tieghu C 6961 warajha meta f'daqqa wahda laqqat daqqa minn wara u xehtu fuq vettura F 9924 .

Muscat kompla li kien isuq W 6163 wara vettura C 6961 meta osserva lil ta' quddiemu jieqaf f'salt . Ghalhekk applika l-brejkijiet, biss baqa' diehel go vettura C 6961 . Ftit wara huwa laqqat daqqa ohra minn wara .

Cini stqarr li kien isuq vettura EAA 887 wara vettura W 6136 meta osserva lill-vettura W 6136 tahbat u tirriversja . Huwa applika l-brejkijiet sabiex jevita li jahbat go fiha, biss kien kollu ta' xejn .

Mill-iskizz ta' l-incident esebit mis-surgent irrizulta illi la l-vettura ta' l-attur u lanqas dik tal-konvenut Spiteri ma hallew ebda 'brake marks', filwaqt illi kien hemm 'brake marks' taht il-korozza ta' Muscat u sett iehor naqra itwal mhollija mill-vettura ta' wara nett .

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-attur sostanzjalment zamm ma' l-istess verzjoni li kien ta lis-surgent . Hekk ukoll ghamel il-konvenut Spiteri . Il-konvenut l-iehor Muscat baqa' ma xehedx, kif lanqas ma tressaq biex jixhed Emanuel Cini, is-sewwieq tal-karozza fuq wara nett .

Mill-provi prodotti jidher pero' illi ma tista' tigi mputata l-ebda htija lill-attur ghal dan l-incident stradali . Huwa ma seta' jaghmel xejn aktar hlief li jieqaf sabiex jevita li jahbat gol-karozza ta' quddiemu x'hin din qabdet u genbet biex tidhol fil-'horse-riding' school . Hekk ukoll jidher illi ghamel il-konvenut Spiteri li kien miexi wara l-attur . Dan lahaq waqaf ukoll qabel ma habat go fih il-konvenut l-iehor Muscat, li mbaghad imbuttah fuq il-karozza ta' l-attur . Infatti Muscat stess dan ammettieh mal-ewwel lis-surgent li mar fuq il-post in segwitu ghall-incident . Il-'brake-marks' imhollija mill-vettura tieghu, huma evidenza wkoll li Muscat kien ghaddej b'certa velocita' u kien qrib wisq tal-vettura ta' quddiemu biex jilhaq jieqaf fil-hin biex jevita l-habta . Fil-fatt it-tisbita jidher li kienet ta' certa entita' tant li, mhux talli habat mal-karozza ta' quddiemu, imma bl-'impact' tad-daqqa, rega' lura u laqat ukoll il-karozza li kienet niezla fl-istess direzzjoni warajh . Dan kollu spjegah Cini, is-sewwieq ta' l-ahhar karozza, lis-surgent Grima.

In vista ta' dan, jirrizulta ampjament ghalhekk illi l-htija ghall-hsara li garrab l-attur fil-karozza tieghu, hija kollha imputabbli ghall-konvenut Muscat .

Rigward id-danni reklamati xehed l-attur u giet ukoll esebita ittra nterpellatorja mibghuta lilu ghas-somma ta' mija seba' u sittin lira maltija u tmintax il-centezmu (Lm167.18) ad istanza ta' Victor Vella ta' Cherry Smash Repair li sewwa l-hsarat fil-karozza ta' l-attur (Dok. MS 3) . Mill-okkorrenza tas-surgent Grima, jirrizulta illi din il-hsara kienet koncentrata fil-'bumper' ta' wara (fol. 29) . Din ic-cifra ma giet ikkontestata bl-ebda mod, u l-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex taccetta l-istess somma reklamata bhala wahda ragonevoli fic-cirkostanzi .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara lill-konvenut Joseph Muscat unikament

responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fil-vettura ta' l-attur, u konsegwentement tikkundannah ihallsu s-somma ta' mija seba' u sittin lira maltija u tmintax il-centezmu (Lm167.18), bl-interessi relattivi b'effett mid-data ta' din is-sentenza .

L-ispejjez tal-kawza, jithallsu kollha mill-istess konvenut Muscat .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si3298Pc
1130